MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Avviz Numru. 12/2011

**Pawlu Attard u Mary Attard**

**Vs**

**Mario Attard**

Il-Qorti,

Illi permezz ta' l-Avviz prezentat fis-7 ta' Novembru 2011, l-attur ippremetta s-segwenti:

Premess illi l-attur kien involut f'incident fl-4 ta' Marzu 2008 meta safa' aggredit u msawwat minn Mario Attard fi Triq ir-Repubblika, Victoria;

U peress li per konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur sofra debilita' permanenti kagun ta' daqqiet ta' flixkun li huwa laqqat minghand l-istess Mario Attard;

U peress li din id-debilita' permanenti kkagunat danni lill-atturi konsistenti f'danni emergenti u lukri cessanti, kif sejjer jirrizulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U peress li minkejja li gie debitament interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' dawn id-danni, il-konvenut baqa' inadempjenti.

L-attur talab ghalhekk lil din il-qorti sabiex:

(1) tiddikjara responsabbli lill-konvenut fil-konfront tal-atturi ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minnhom per konsegwenza tal-incident fuq imsemmi;
(2) tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dawn id-danni kif hekk likwidati.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, li ghaliha minn issa msejjah.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li d-danni li qed jirreklamaw l-atturi ma jeccedux is-somma ta' hdax-il elf euro (€11,000).

Rat li fir-risposta tieghu l-konvenut eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici tinsab preskritta ai termini tal-artikolu 2153, 2154 tal-Kodici Civili u l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi;

3. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet il-provi fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat ir-rapport tal-espert mediku Mr Francis X. Darmanin u t-twegibiet tieghu ghad-domandi in eskussjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi qeghdin jitolbu likwidazzjoni u hlas tad-danni allegatament sofferti wara li l-konvenut habat ghal u kkaguna feriti fuq il-persuna ta' Pawlu Attard. L-atturi qeghdin isostnu li n-natura tal-feriti sofferti huma gravi.

Illi min-naha tieghu l-konvenut eccepixxa preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153, 2154 tal-Kodici Civili u l-artikolu 688(e) tal-Kap 9. Fil-mertu eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Illi jirrizulta min-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut li l-eccezzjoni nkwantu tirrigwarda l-preskrizzjoni tal-azzjoni taht l-artikolu 2153 tal-Kap 16 giet irtirata mill-konvenut, b'dan li zamm ferm l-istess eccezzjoni inkwantu din tirrigwarda l-preskrizzjoni tal-azzjoni fit-termini tal-artikolu 2154 tal-Kap 16. Fi kwalunkwe kaz l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili ma setax isib l-applikazzjoni tieghu fil-kaz odjern u dan peress li hawn si tratta ta' reat u xejn aktar.

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura huma s-segwenti:

- Fl-4 ta' Marzu 2008 sehh argument bejn l-attur u l-konvenut. F'dan l-istadju din il-qorti mhix se tidhol fid-dinamika ta' l-incident. Gara li l-konvenut ta b'daqqiet ta' flixkun lill-attur fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex;

- Ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenut. Huwa kien gie akkuzat talli nhar l-4 ta' Marzu 2008, ghal xi t-tmienja u nofs ta' filghaxija (8.30p.m.) gewwa Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex: (i) minghajr il-hsieb li joqtol lil Paul Attard jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Paul Attard jew igiblu dizordni f'mohhu wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi xejjer diversi daqqiet ta' flixkun lejn il-partijiet vitali tal-gisem cioe' fuq ir-ras tal-imsemmi Attard, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu; (ii) u aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi kkommetta offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna fuq il-persuna ta' Paul Attard; (iii) u aktar talli fl-istess lok, hin, u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb u traskuragni kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Reuben Said; (iv) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni jew l-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied; (v) ukoll talli verbalment hedded u ngurja lill-istess Paul Attard; (vi) u fl-ahhar talli fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indicenti.

- Dawn il-proceduri gew decizi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Gunju 2011. Il-Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward tat-tielet akkuza u filwaqt li lliberat lil Mario Attard mill-ewwel, hames u sitt akkuza migjuba fil-konfront tieghu, sabitu hati tat-tieni u r-raba' akkuza u kkundannatu jhallas multa ta' hames mitt euro (€500).

- Din is-sentenza saret gudikat peress li ma gie interpost l-ebda appell minnha.

Illi l-artikolu 2154 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:

***2154.*** *(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.*

*(2) Izda, kull min jisraq haga, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jircievi jew jixtri dik il-haga, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, ighaddi kemm ighaddi zmien.*

Illi l-artikoli 668(d) u (e) tal-Kodici Kriminali jipprovdu s-segwenti:

Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –

*(d) bl-eghluq ta' hames snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;*

*(e) bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravenzjonijiet;*

Illi l-konvenut qieghed jargumenta li ladarba huwa gie akkuzat u nstab hati fil-proceduri kriminali li kkaguna offiza ta' natura hafifa taht l-artikolu 221(1) tal-Kap 9, allura l-preskrizzjoni applikabbli ghandha tkun il-preskrizzjoni li tapplika ghall-offiza li taqa' taht l-artikolu 221(1) tal-Kap 9 li hija dik ta' sentejn. Dan l-argument qed jibbazah fuq l-artikolu 3(1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li *'kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni civili'.* L-istess artikolu fis-subartikoli (2) u (3) jipprovdi *'filwaqt li l-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-hati', 'l-azzjoni civili titmexxa quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni civili, u biha jintalab il-hlas tal-hsara li ssir bir-reat'.* Huwa jaghmel referenza wkoll ghall-artikolu 6 tal-Kodici Kriminali li testwalment jipprovdi li *'l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra'.* Il-konvenut jinterpreta dawn l-artikoli billi jsostnu li l-ligi qed tirreferi ghall-istess reat li fl-istess waqt jaghti lok ghall-azzjoni l-wahda u l-ohra, u minkejja l-indipendenza taz-zewg azzjonijiet huwa kontro-sens li jigi argumentat li r-reat ibiddel in-natura tieghu minn azzjoni wahda ghall-ohra.

Illi l-attur min-naha l-ohra jsostni li anki jekk il-konvenut instab hati ta' offiza ta' natura hafifa, tali sejbien ta' htija ma ghandux necessarjament jorbot idejn din il-Qorti milli tilhaq konkluzjoni differenti. L-attur jsostni li f'ghajnejh il-ferita hija wahda ta' natura gravi u mhux semplici ferita ta' natura hafifa. Dan kif anki gie ccertifikat mit-tabib tieghu. Ghalhekk skont l-attur il-preskrizzjoni applikabbli ghandha tkun dik ai termini ta' l-artikolu 688(d) tal-Kap 9.

Illi din il-qorti mill-ewwel tghid li bhala principju ma taqbilx ma' dak sottomess mill-konvenut li meta tigi prezentata azzjoni civili ghal danni naxxenti minn reat il-qorti necessarjament hija marbuta mad-decizjoni li tkun inghatat mill-qorti fil-gurisdizzjoni kriminali taghha. Dan qed jinghad mhux biss ghax l-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra, izda wkoll ghaliex l-grad ta' prova rikjest mil-ligi fiz-zewg kampi tal-ligi huma differenti minn xulxin. Filwaqt li fil-kamp kriminali l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha 'oltre d-dubju dettat mir-raguni'; fil-kamp civili l-attur irid jipprova l-kaz tieghu 'fuq bilanc ta' probabilitajiet''. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Micallef St. John et vs Richard Spiteri et**[1] il-Prim'Awla kienet irriteniet:

*'Illi jrid jinghad mill-ewwel illi bhal ma hu ben saput il-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati tasal ghall-konkluzjonijiet taghha fuq il-provi li jingiebu quddiemha bl-ebda mod ma jorbot lil din il-Qorti fil-masjoni civili li tasal ghall-istess konkluzjoni.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **David Pace vs Frans Falzon et**[2] l-incident li kien qieghed jigi trattat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili kien ukoll il-mertu ta' proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenut. Il-Qorti tal-Magistrati kienet illiberat lill-konvenut mill-akkuzi dedotti kontrih. Fost l-akkuzi kien hemm li l-konvenut kien hebb ghall-attur bi flixkun u kkagunalu feriti ta' natura gravi. Nonostante li fil-proceduri kriminali l-konvenut kien gie lliberat, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabet li kien il-konvenut li kien responsabbli ghall-akkadut u zammitu responsabbli ghad-danni sofferti mill-

[1] Appell Nru: 205/93 deciz fil-15 ta' Jannar 2002
[2] Cit Nru: 2395/2000JZM deciza fit-3 ta' Mejju 2011

attur. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rreferiet ghal diversi sentenzi u insenjamenti li se jigu hawn taht riprodotti:

*'Din il-Qorti diversament presjeduta (PA/PS) filkawza **"Carbonara vs Ryan"** deciza fit-28 ta' Jannar 2004 osservat li ma hemm xejn hazin li gudikant fi process civili jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi procediment kriminali propju ghaliex fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghall-ezebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti (**Vol XXV.I.689 u Vol XXXIX.II.768**).*

*Fis-sentenza moghtija fis-27 ta` Lulju 2007 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Pace vs Camilleri**" kien rilevat hekk –*

*Fir-rigward tas-sottomissjonijiet tal-appellant illi l-proceduri kriminali ghandhom jinzammu separati mill-proceduri civili, ghalkemm l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali jghid proprju dan ossia – "L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra" – fic-cirkostanzi ta' din il-kawza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni anke l-Artikolu 632(1) tal-Kap.12 li jipprovdi illi "Kull dikjarazzjoni maghmula mill-parti kontra taghha nfisha, u kull kitba ohra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistghu jingiebu bi prova." Sakemm ma jigix pruvat, imqar fuq bazi ta' probabilita`, li dik id-dikjarazzjoni – f'dan il-kaz il-verbal – kienet menzonjera jew ghall-anqas ma kenitx tirrispekkja dak li verament ried jinghad, dik id-dikjarazzjoni tista' tittiehed bhala prova. Ghalhekk, ghalkemm iz-zewg proceduri jinzammu separati, dak li jsehh f'wahda mill-proceduri jista' jingieb bhala prova fil-procedura l-ohra …*

*Naturalment minhabba l-indipendenza tal-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi **biss wahda mill-provi** li l-Qorti Civili trid tiehu in konsiderazzjoni (ara - **"Xuereb vs Micallef" – Appell – 26 ta' Novembru 1923 ; "Abela vs Bonnici" - PA - 23 ta' Jannar 1958 ; "Briffa vs Abela" - PA - 28 ta' Marzu 2003 ; u "Caruana vs Ministru tal-Ambjent et" – PA – 7 ta' Lulju 2004**)*

*Dan il-punt ta` dritt kien imfisser b`reqqa fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Camilleri vs Cassar**" moghtija fl-1 ta` Dicembru 1955 kien inghad a propozitu hekk -*

*Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali, anke ex integro quddiem il-Qorti Kriminali ; pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibbilita` taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformement ghar-regola relattiva ghall-provi, tista' tigi prodotta f'kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza tal-Artikolu 627(e) tal-Kap.12.*

*Mal-premess, din il-Qorti izzid tghid* ***ukoll*** *li l-onus tal-prova huwa divers fil-kamp penali minn dak fil-kamp civili fis-sens li filwaqt li fil-kamp penali jispetta lill-Prosekuzzjoni li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre d-dubbju dettat mir-raguni, fejn allura l-akkuzat ghandu jigi liberat minn dawk l-akkuzi jekk ikun jissussisti dubbju dettat mir-raguni, fil-kamp civili, l-onus tal-prova, ghalkemm jibqa` jinkombi fuq min jallega u cioe` tal-attur, jitkejjel fuq il-bilanc ta` probabilitajiet. Huwa propju ghalhekk li dak deciz f`sede penali jista` jkun biss wahda mill-provi ghall-fini tal-proceduri civili proprju ghaliex iz-zewg proceduri huma ndipendenti u awtonomi minn xulxin kif ukoll ghaliex l-onus tal-prova huwa trattat diversament'.*

Illi l-kwistjoni l-ohra mqanqla mill-konvenut hija li ladarba huwa kien akkuzat li kkaguna ferita ta' natura hafifa u nstab hati li kkaguna ferita ta' natura hafifa, allura per konsegwenza ma jistax issa l-attur jitlob danni ghal ferita li hija ta' natura gravi u dan peress li qed nitrattaw l-istess reat. Il-qorti, fuq l-iskorta ta' l-insenjamenti, ukoll ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Fil-fatt b'mod generali l-imputazzjoni hija mhejjija mill-prosekuzzjoni u mhux mill-parti leza. Inoltre' kif diga' inghad, iz-zewg azzjonijiet huma ndipendenti u awtonomi minn xulxin.

Illi oltre' dan kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Isabelle Borg et vs Robert Galea et**[3] *biex jigi determinat jekk ghemil hux reat jew le ma hux mehtieg li jkunu ttiehdu proceduri kriminali u jekk l-ghemil in kwistjoni jkun oggettivament jammonta ghal reat allura dak l-agir xorta jkun reat kopert ghall-fini tal-preskrizzjoni bl-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili.*

Illi fl-ahhar mill-ahhar dan huwa l-mod kif l-attur ghazel li jipproponi l-azzjoni tieghu. S'intendi jekk hux se jirnexxilu jipprova l-allegazzjoni tieghu hija kwistjoni totalment differenti.

Illi l-Perit Mediku fir-rapport tieghu wara li ezamina lil Paul Attard kkonkluda li ghalkemm l-iscar hija ta' natura permaneneti u mhiex se tmur biz-zmien huwa kkonkluda li *'it is barely conspicuous within talking distance'.* Ghalhekk ikkonkluda li l-ferita kienet wahda ta' natura hafifa. In eskussjoni huwa wiegeb hekk:

*'Domanda: Taqbel mieghi li din l-iscar ghada tidher illum, iktar minn erba' snin u nofs wara l-incident, meta wiehed ikun qieghed within talking distance tas-sur Attard?*

*Le, ma naqbilx u dana kif anki spjegajt fir-rapport tieghu meta ghedt fil-konkluzjonijiet tieghi li 'it is barely conspicuous within talking distance'. Irrid inzid li jiena ibbazajt id-decizjoni tieghu li din l-iskar mhux daqshekk evidenti fuq l-ewwel impressjoni li kelli meta ltqajt ma' Pawlu Attard fil-klinika tieghi fis-16 ta' Lulju 2012. Meta wiehed jifli fil-vicin il-gilda tar-ras imbaghad l-iskar tkun apparenti. Rajt ukoll skars ohra li hu qalli li kienu kkagunati minn incidenti fil-passat u mhux relatati ma' dan l-incident.*

*Domanda: Allura taqbel mieghi li din it-tip ta' ferita li sofra Pawlu Attard tinkwadra ruhha fl-offizi gravi kif deskritti fl-artikolu 216(1)(b) tal-kodici kriminali?*

[3] Appell Nru: 765/2001 deciz fit-3 ta' Marzu, 2011

*Il-ferita qeghdha hemm imma mhix daqshekk evidenti. Jiena kkonkludejt li l-ferita li ghandu Pawlu Attard m'hijiex wahda gravi, anzi kif ghidt fir-rapport sabiex ic-cikatrici tissodisfa l-element ta' sfregju din trid tkun wahda li tidher u taghti fil-ghajn minn distanza li hi dik li s-soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin'.*

Illi referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Garrett**[4] fejn intqal

*"Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Frar 1998 fil-kaz 'Il-Pulizija versus Fortunato Sultana' qalet hekk:*

*'Skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiza fuq il-persuna hija gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dan l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc ( jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet tal-imsemmija dispozizzjoni. Il-permanenza tal-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejha 'offiza gravivissima' skont l-artikolu 218 (1)(b) tal-Kap 9*[5]*.'*

*Ghal dak li huwa sfregju jew mankament, il-Qorti qed taghmel referenza ghall-kaz 'Il-Pulizija versus Paul Spagnol' tat-12 ta' Settembru 1996 (Volume LXXX) fejn intqal hekk:*

*'B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u*

[4] App Kriminali Nru: 169/2011LQ deciza 14 ta' Mejju, 2012
[5] 1 Volum LXXXII. 1998 Parti IV Pagina 109

*anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skont gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta 'hafna snien jistgħu jġibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu ihallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).'*

Illi din il-qorti ma tqisx li ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mill-espert mediku.

Ghalhekk f'dan il-kaz tenendo kont li si tratta ta' ferita ta' natura hafifa ghandu jsib l-applikazzjoni tieghu l-artikolu 2154 u l-artikolu 668(e) li jistipula li l-azzjoni kriminali taqa' *bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.* Infatti l-artikolu 221 (1) tal-Kap 9 jistipula li:

*'L-offiza fuq il-persuna li ma ggib ebda wahda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija hafifa, u ghaliha tinghata piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa'.*

L-akkadut sehh fl-4 ta' Marzu 2008 mentri l-avviz odjern gie prezentat fis-7 ta' Novembru, 2011. Huwa evidenti ghalhekk li s-sentejn ghaddew u ma giex b'xi mod ippruvat li kien hemm xi interruzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut billi tiddikjara li l-azzjoni tinsab preskritta ai termini ta' l-artikolu 2154 tal-Kodici Civili u l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez a karigu ta' l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------